MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**MAGRI ALBERT J.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1358/1999/1

Louis Borg Falzon

Vs

Korporazzjoni EneMalta

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-14 ta' Gunju 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fil-kors tal-impieg tieghu mal-Korporazzjoni konvenuta sofra griehi serji f'partijiet ta' gismu fl-incident tal-11 ta' Marzu 1999 fil-process li kien qieghed isir trasferiment ta' fuel minn Bulk 1 ghall-Bowser; illi ghal dan l-incident hi unikament responsabbli l-Korporazzjoni konvenuta minhabba att jew ommissjoni da parti taghha li jirrenduha passibbli ghad-danni; illi l-Korporazzjoni konvenuta nonostante li giet interpellata biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni baqghet inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi illi l-Korporazzjoni konvenuta hi fi htija ghall-incident li sehh fil-11 ta' Marzu 1999 li gara kif fuq inghad u li fih l-istanti sofra griehi personali;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-istanti b'rizultat u b'effett tal-precitat incident;
3. tikkunannda lill-Korporazzjoni konvenuta thallas lill-istanti s-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjes u bl-imghax, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' April 1999 u tal-ittra legali tal-10 ta' Mejju 1999 kontra l-Korporazzjoni konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat in-nota tal-korporazzjoni konvenuta tal-5 ta' Ottubru 1999 li permezz taghha eccepiet illi l-azzjoni attrici hija kompletament infondata sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes, stante li l-Korporazzjoni eccipjenti bl-ebda mod ma hi responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni sofferti mill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Novembru 1999 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-14 ta' April 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi limitatament fuq il-kwistjoni ta' responsabbilita' ghall-akkadut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-31 ta' Mejju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq l-responsabbilita' ghall-incident.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-incident mertu ta' din il-kawza sehh fil-11 ta' Marzu 1999 meta l-attur, flimkien ma shabu, impjegati ohra tal-

Korporazzjoni konvenuta fil-Petroleum Division, Tank Cleaners Group, marru l-ajruport sabiex jnadfu wiehed mit-tankijiet li jintuza biex jahzen l-‘aviation fuel’ u cioe l-petrolju. Ghal din l-operazzjoni huma mehtiega tlett impjegati nkwantu dan it-tank jrid l-ewwel jigi zvojtat mir-‘residue’ li jkun fih permezz ta’ pompa li tiehu dan l-fdal ta’ fuel ghal go ‘bowser’ tal-korporazzjoni konvenuta. L-operazzjoni tirrikjedi li persuna toqghod hdejn it-tank li qed jigi zvojtat biex jikkontrolla l-manka tal-pipe li jkun qed jigbed il-fuel, persuna ohra tiehu hsieb li tistartja t-truck biex jingagga l-pompa li tigbed dan il-fuel, u persuna ohra toqghod fuq l-bowser qrib l-manhole tieghu fejn jigi inserit it-tarf tal-pipe biex tassikura li dan bil-pressa ma johrogg. L-attur kien il-persuna fuq il-bowser.

Skond l-attur ftit minuti wara li bdiet l-operazzjoni u l-fuel beda jigi trasferit minn gewwa l-bulk tank ghal gol bowser, l-‘compartment’ tal-bowser ha in-nhar u harget vampa qiesa sajjetta li harqitlu wiccu u idejh u skansa griehi ulterjuri billi resaq lura u nizel minn fuq il-bowser. Wara l-incident l-attur ittiehed l-isptar fejn gie kurat u sussegwentement gie ammess fil-‘burns unit’. L-attur ma regax mar ghax xoghol ghal cirka sitt xhur.

Il-fatti fil-qosor kienu kif fuq deskritt. Issa l-attur qed jagixxi kontra l-Korporazzjoni konvenuta billi jsostni li dak li gara kien tort ta’ xi nuqqas jew minhabba xi att tal-istess Korporazzjoni u li konsegwentement din ghandha taghmel tajjeb ghad-danni sofferti minnu. Da parti taghha l-Korporazzjoni qed isostni li dak li gara ma kienx tort taghha u kwindi ma ghandhiex thallas ebda danni.

Ikkunsidrat:-

Minn ezami tal-provi processwali jirrizulta li operazzjoni li l-attur u shabu kienu qed jezegwixxu kienet wahda normali u li kienet ilha tigi segwita ghal hafna snin. Infatti dan jikkonfermah l-attur kif ukoll ix-xhieda Cassar u Micallef li kienu mieghu. L-istess rappresentanti tal-Korporazzjoni konvenuta ma allegaw ebda nuqqas fil-konvenut jew shabu u spejgaw biss dik li setet kienet ir-raguni tal-hruq. Infatti bhala prekawzjoni l-istess

Korporazzjoni ssugeriet diversi modi kif incident simili jigi evitat fil-futur.

Mix-xhieda tar-rappresentanti tal-Korporazzjoni jidher li l-esplozjoni sehhet minhabba 'spark' kkawzat kagun ta' 'static electricity' li ngema waqt l-operazjoni. Gew ippresentati diversi ipotezijiet ilghala tali feomenu jista' jinholoq. Dawn l-ipotezijiet juru li l-eletricita' hija konsegwenza naturali tal-moviment ta' fluidi jew ta' li "splash effect" rizultanti meta dawn il-fluidi jikunu qeghdin jitbattlu minn recipjent ghall-iehor. Sa hawn forsi l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni ghandha certa fondament billi l-ispluzjoni setghet kienet rizultat ta' haga barra mill-kontroll taghha. Izda jigi rilevat li kien hemm fattur antecedenti li certament kien il-kawza tal-esplozjoni u li juri nuqqas da parti tal-Korporazzjoni konvenuta li tipprovdi a "*safe place of work*". Mix-xhieda tar-rappresentanti tal-Korporazzjoni jirrizulta li din l-espluzjoni mhux propabbli meta l-operazzjoni tikkoncerna biss pitrolju billi dan ghandu l-"flash point" tieghu gholja. Biss irrizulta li l-bowser in kwistjoni qabel ma gie uzat mill-attur u shabu kien intuza biex jgor tghabija ta' petrol. Dan il-fuel jiggenera ammont konsiderevoli ta' 'combustible fumes' u meta bdiet l-operazzjoni in kwistjoni u sehh l-ispark kkawzat bl-'istatic electricity' kienu dawn il-'fumes' li hadu n-nar u kkawzaw l-ispluzjoni. Jidher ghalhekk li kien hemm nuqqas minn naha tal-Korporazzjoni meta ppermettiet impjegati taghha juzaw apparat li ma kienx 'safe' u li kien jipprezenta perikolu. Il-fatt li l-istess Korporazzjoni llum qed tadotta "system of work" intiz biex jevita simili incidenti u principalment il-fatt li harget ordni li bowsers li jintuzaw ghall-operazzjonijiet simili bhal dik li kienu qed jaghmel l-attur u shabu ma jkunux uzati ghal garr ta' petrol, huma indikazzjoni cara li precedentement kien hemm nuqqas da parti tal-Korporazzjoni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti ssib lill-Korporazzjoni konvenuta responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur. Il-Qorti ghalhekk tiddiferixxi l-kawza ghas-seduta tal-

Quddiem din il-Qorti diversament preseduta biex jigu likwidati d-danni sofferti mill-attur u ghall-eventwali kundanna.

L-ispejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J. Magri